# In-Narrattiva: L-Individwu msawwat mis-Soċjetà

*Stephen Bonanno u Joseph Borg*

## Sfond fuq il-qagħda umana fis-seklu Għoxrin u l-Moviment Modernista

Il-Moviment Modern beda l-firxa tiegħu lejn l-aħħar tas-seklu dsatax u mexa sas-snin ta' wara t-Tieni Gwerra Dinjija. Minħabba li kien moviment internazzjonali mhux possibbli li jkun determinat il-post minn fejn oriġina. Kontra r-Romantiċiżmu, li sab l-għeruq fil-Ġermanja fil-moviment anti-illuminista "Sturm und Drang" il-Moderniżmu nfirex minn u ma' ħafna bliet kapitali Ewropej f'waqt wieħed, partikularment Pariġi, Londra, Praga, Berlin u Vjenna – l-aktar bliet importanti kulturalment ta' dan il-perjodu.

Il-Moviment Modernista kien rivoluzzjonarju għax ried distakk mill-moviment preċedenti tiegħu u ħoloq kuxjenza ġdida internazzjonali mibnija fuq kostumi u mġibiet ġodda mill-ħajja umana. Din il-kuxjenza ġdida nħolqot f'ambjent soċjali milqut minn progress mgħaġġel u trawment f'dilemma bejn is-sens ta' għarfien li t-tiġdid fil-ħajja soċjali kien ħtieġa u l-preokkupazzjoni espressa f'tensjoni u nervożiżmu li ċ-ċiviltà umana waslet qrib katastrofu atomiku. Fi ħdan dan il-moviment iseħħ kemm tbegħid mill-passat kif ukoll kontinwazzjoni: kontradizzjoni karatteristika tal-kumplessità tal-Moviment Modern għax din l-imġiba ta' ksur mit-tradizzjoni sseħħ f'kull qasam artistiku.

Ma' dan it-taqlib soċjali wara r-rivoluzzjoni industrijali u l-mobilizzazzjoni soċjali, is-seklu għoxrin ġab miegħu taqlib soċjo-ekonomiku kbir b'konsegwenzi psikoloġiċi u politiċi. L-iżvilupp teknoloġiku ħalla effett fuq id-dimensjonijiet ta' post, żmien u spazju. Id-dinja saret raħal wieħed. It-tqarrib ta' poplu ma' ieħor wassal għalhekk is-sens ta' "internazzjonaliżmu" bis-saħħa tal-mezzi moderni tal-komunikazzjoni, il-progress fil-qasam ta' l-istampar u l-edukazzjoni tal-massa. Il-kuxjenza umana bdiet reviżjoni tal-qagħda u l-valuri tagħha: dak kollu li l-bniedem kien jemmen fih b'għajnejh magħluqa kellu jgħaddi mill-għarbiel.

Interpretazzjonijiet ġodda tal-ħajja umana kattru aktar konfużjoni speċjalment wara l-Ewwel Gwerra Dinjija li ġabet magħha qerda kif ukoll dagħbien spiritwali: iċ-ċaħda ta' kull sens ta' raġuni. Il-Moderniżmu huwa l-arti ta' dak kollu li qed jinħall u jintelaq, fejn l-artist hu konxju mid-dubji u l-inċertezzi ta' madwaru: "Things fall

apart, the centre cannot hold" kiteb Yeats. Huwa l-arti tal-metamorfożi ta' Franz Kafka; il-mixja tal-ħmar il-lejl ta' Thomas Mann. Il-Moderniżmu huwa moviment kumpless għax magħmul minn forzi kontradittorji: jgħumu fih hemm elementi rivoluzzjonarji kif ukoll konservattivi, romantiċi u klassiċi, futuristiċi u niħilistiċi.

Kull qasam kulturali influwenza u ġie influwenzat minn qasam ieħor. Minkejja l-prosperità li ħolqot l-ekonomija Ewropea, din ġabet magħha problemi ġodda għall-bniedem li għex f'dan il-perjodu li wasslu sabiex l-intellettwali jagħtu s-sehem tagħhom. Inħolqot kuxjenza moderna magħġuna mill-esperjenzi ta' tmiem is-seklu dsatax u l-bidu tas-seklu għoxrin. Il-preokkupazzjoni fuq il-futur bdiet tinħass hekk kif deher ċar li ċ-ċiviltà moderna kienet tinsab fi kriżi u l-prova ta' dan issarrfet fil-qerda tal-biżà matul iż-żewġ gwerer mondjali.

Il-kittieb, ikkundizzjonat minn dan l-ambjent kaotiku, beda jesprimi f'xogħlijietu s-sens tad-"disperazzjoni formali" u b'kuntrast max-xogħlijiet ta' qabel beda jissuġġerixxi aljenazzjoni, xettiċiżmu, diżintegrazzjoni u għejbien. L-esperimentazzjoni ta' l-artist ħolqot diżastru u kriżi fl-arti u l-kultura nnifishom, frott ta' dak li seħħ storikament.

Fost il-ħassieba ewlenin li bdew jagħtu interpretazzjonijiet ġodda tal-ħajja umana nsibu lil Heisenberg li fil-*Quantum Physics* wasal għall-"prinċipju ta' l-inċertezza" ("uncertainty principle"); lil Darwin bit-teoriji rivoluzzjonarji dwar l-evoluzzjoni tal-bniedem; lil Freud bl-istudju psikoloġiku u Friedrich Nietzsche bil-ħsibijiet filosofiċi li ħasdu lill-bniedem u wasslu għal kriżi eżistensjali fil-kuxjenza umana.

L-istudju psikoloġiku ta' Freud, l-aktar permezz tal-psikoanaliżi, qanqal it-tifrik u l-frammentazzjoni tal-personalità. Il-kunċett tradizzjonli ta' l-individwu bħala entità sħiħa xxellef fil-viżjoni psiko-analitika li biha Freud ra l-imġiba umana kkundizzjonata mid-dinja tal-ħolm fl-*Interpretation of Dreams* u l-"libido sesswali".[1]

Għal Nietzsche l-Kristjaneżmu xekkel l-ambizzjoni fil-ħajja tal-bniedem u rriduċieh f'aġent passiv quddiem id-diffikultajiet tal-ħajja. Il-moralità kristjana tħeġġeġ lill-bniedem jaċċetta l-kundizzjoni li jsib ruħu fiha bit-tama ta' ħajja aħjar wara l-mewt. Nietzsche ppropona li Alla kien miet u għalhekk l-"Obermann" għandu jimxi fuq valuri ġodda, xjentifiċi.

Għaldaqstant fid-dawl tat-teoriji l-ġodda l-idea li l-bniedem għandu skop definit fil-ħajja b'mod razzjonali u determinat mil-liġi tan-natura ma baqgħetx dommatika. Hekk kif din il-kredibilità sfumat fix-xejn nibtet il-kriżi eżistenzjali li fiha kellhom jifirxu l-għeruq tal-kriżi morali li l-bniedem kellu jġarrab aktar 'il quddiem.

It-teoriji ta' Darwin heżżu s-sisien tal-Knisja u l-ħsieb Ewropew li l-bniedem huwa l-kreattura privileġġjata fil-ħolqien kollu u għalhekk distint ontoloġikament mill-bqija tal-kreaturi. Bis-saħħa ta' dawn it-teoriji Darwin qiegħed f'dawl ikrah ir-relazzjoni bejn il-bniedem u Alla u ħoloq xettiċiżmu qawwi fuq kemm l-Univers kien miexi fuq pjan perfett l-aktar quddiem it-tbatija u l-miżerja li minnha jeħtieġ jgħaddi l-bniedem. Minflok fidi għamja waqgħu suspetti kbar fuq il-pjan tal-ħolqien fejn flok kollox miexi b'ġustizzja tirrenja l-liġi tal-ġungla: isalva biss min hu l-aktar b'saħħtu waqt li d-dgħajjef jisfa eliminat. Alla sar impersonali u mhux mifhum waqt li l-bniedem ma baqax aktar fiċ-ċentru ta' l-univers.

Freud niżel aktar 'l isfel fil-bniedem. Il-kixfiet tiegħu fl-oqsma xjentifiċi tal-Psikoloġija fissru kemm il-bniedem hu skjav ta' l-ambjent li jgħix fih. Il-"jien" ta' kull bniedem iserraħ fuq żewġ forzi opposti ta' xulxin: l-"id" li jiġbor fih l-istinti kollha primordjali u s-"superego" li jqajjem il-liġijiet morali kif imposti mis-soċjetà partikulari li l-bniedem jinsab fiha u għalhekk jiċċensura jew iħalli f'livell inkonxju l-istinti annimaleski.

Dan kollu wera kemm il-bniedem hu priġunier f'idejn forzi inkonxji li m'għandux saħħa fuqhom u kompla dgħajjef il-viżjoni tiegħu fi tmiem is-seklu dsatax. Freud kien wera li l-valuri m'humiex assoluti (għax imwaqqfa mill-bniedem) u li l-kuxjenza titrawwem fl-inkonxju ta' kull individwu miċ-ċokon minn ta' madwaru. Il-kuxjenza ma taġixxix fuq moralità universali skond kif fissru filosofi bħal Kant iżda timxi fuq valuri personali, ikkundizzjonati temporalment kif ukoll spazjalment. Jung iddeskriva lil Freud bħala "a great destroyer who breaks the chains of the past" – il-valuri tradizzjonali sabu tmiemhom fih.

Dan id-dagħbien spiritwali u psikoloġiku wassal biex jinfirex pessimiżmu fid-dinja Ewropea. Esponent ewlieni ta' dan il-perjodu kien Schopenhauer li l-filosofija Niħilista tiegħu sabet l-għeruq b'mod partikulari bix-xogħol tiegħu *The World as Will and Idea* (1819).

Schopenhauer fisser kif il-bniedem kien ikkundizzjonat, bla libertà u bla tama. Il-filosfu fisser 'l Alla bħala Rieda bla kompassjoni jew raġuni u għalhekk m'hemm l-ebda tama ta' salvazzjoni fiH: forza li toħloq u teqred b'indifferenza. Il-bniedem, espressjoni ta' din ir-Rieda, jagħraf li l-ġlieda kontra t-tbatija u l-mewt hi inutli u quddiem il-vastità enormi ta' l-univers hu mhu xejn. Quddiem dan kollu Schopenhauer jinnega l-eżistenza u l-ħajja għax dawn m'huma xejn għajr kastig kiefer. Il-frażi tiegħu "nothing can . . . be given as the end of our existence but the knowledge that we had better not be" tiġbor fil-qosor l-estetika tax-Xejn ta' Schopenhauer.

Din il-filosofija niħilista ġiet issuperata bil-filosofija ta' Friedrich Nietzsche:

il-bniedem ħtieġlu jieqaf dritt quddiem il-problemi u l-kontradizzjonijiet eżistenzjali li waslu lill-bniedem f'xifer id-dispramenṭ. Nietzsche sostna li l-kawża ta' dan id-dispramenṭ u qtigħ il-qalb kienet il-moralità Kristjana. Għal Nietzsche il-Kristjaniżmu minn dejjem xekkel lill-bniedem u l-ambizzjonijiet tiegħu. Din il-moralità li tiċħad il-ħajja bit-tama ta' ħajja oħra aqwa wara l-mewt għal Nietzsche kienet il-qofol tal-problema kollha li wasslet għad-disperazzjoni Schopenhauerjana. Bi tweġiba Nietzsche ħabbar li Alla kien miet bl-intenzjoni li l-bniedem jerġa' jimtela b'fiduċja ġdida. Il-filosofu ried jonfoħ fil-bniedem ruħ ġdida mimlija enerġija u kreattività. Il-miġja tas-"Superman", il-bniedem ġdid mogħni bis-setgħat kollha meħtieġa biex jegħleb kull problema mingħajr għajnuna sopranaturali kien is-soluzzjoni tal-problema.

F' *Thus Spoke Zarathustra* Nietzsche wassal il-messaġġ ewlieni tiegħu li l-ħajja hi bla sens u għalhekk ir-rieda tal-bniedem għandha tiġi imposta fuqha. B'din it-teorija, viċin ħafna ta' l-Illuminiżmu, il-bniedem seta' jirbaħ kull xkiel b'kuraġġ ġdid li jsikket it-tbatija u jirbaħ il-mewt.

## Il-qagħda soċjali fil-kuntest letterarju

Fil-kuntest letterarju, il-qagħda soċjali timplika l-qagħda umana tal-bniedem-artist fi ħdan soċjetà partikulari. Il-letteratura u s-soċjetà m'humiex daqstant żewġ affarijiet distinti minn xulxin: "Most important, it is stressed that literature is part of society and can offer social content that will serve as information about Society."[2]

It-terminoloġija "klassi soċjali" hija terminoloġija ambigwa u suġġetta għal interpretazzjonijiet suġġettivi. Żewġ teoriji soċjoloġiċi fuq "klassi soċjali" huma dawk ta' Weber u ta' Marx. Il-"klassi" fid-definizzjoni Marxista hi skond il-grad ta' ishma fil-proprjetarjetà (ownership) tal-mezzi ta' produzzjoni.

Bħas-soċjoloġija, il-letteratura tikkonċerna l-ħajja umana; kif il-bniedem iħares lejn l-ambjent partrikulari li jrid jgħix fih flimkien ma' l-impenn tiegħu sabiex iseħħ it-tibdil f'dik is-soċjetà partikulari. Iżda l-letteratura mhix dokumentarju kronaku tal-ħajja u bħala arti, trid titraxxendi lill hinn mis-sempliċi analiżi oġġettiva u xjentifika. Il-kontribut li jagħti l-artist lis-soċjologu hu meħtieġ u importanti għax kif stqarr Richard Hoggart: "Without the full literary witness, the student of society will be blind to the fulness of society ."[3]

Fl-istudju soċjoloġiku tal-letteratura, bażikament hemm żewġ teoriji. L-aktar waħda magħrufa tmur lura sa Louis de Bonald (1754-1840), filosfu Franċiż li fisser li l-letteratura tirrifletti bħal mera l-qagħda partikulari ta' dik is-soċjetà. Stendhal, f'*Le Rouge et le Noir* ukoll kiteb li r-rumanz huwa bħal mera. Fil-fehma ta' din l-iskola ta' studju soċjoloġiku, il-letteratura hi rifless dirett ta' l-istrutturi soċjali. [4] Iżda l-

letteratura fil-fatt ma tirriflettix biss istituzzjonijiet jew strutturi soċjali marbuta ma' xi żmien u spazju partikulari. Il-validità letterarja tax-xogħol toħroġ minn kemm l-awtur jirnexxilu jofroq id-dimensjonijiet temporali u spazjali. Waqt li l-letteratura tista' tirrifletti attitudnijiet, normi, qagħdiet umani u sentimenti kollettivi ta' kuxjenza umana, awtur ġenwin skond Lowenthal, irid joħloq viżjoni umana dwar aspetti ta' ħsibijiet u sentimenti mill-oqsma tal-ħajja.[5]

Il-letteratura sservi ta' barometru effettiv billi tikxef l-ansjetajiet, l-aspirazzjonijiet u n-nervożiżmu bħala reazzjoni umana għat-tibdil u t-taqlib fil-valuri u l-forzi soċjali. Diversi soċjoloġiċi u filosfi tkellmu favur teorija soċjoloġika tal-letteratura. Il-filosfu Franċiż Hippolyte Taine (1828-1893) kien minn ta' l-ewwel li pprova jsib b'mod sistematiku r-rabta li toħroġ bejn il-letteratura u s-soċjetà. Vico f'*La Scienza Nuova* fisser kif l-istituzzjonijiet u l-arti nfisha jistgħu jaqgħu taħt l-analiżi materjali.[6] Iż-żewġ perspettivi fuq l-istudju soċjali tal-letteratura; dik pożittivista marbuta ma' fatti empiriċi (li tiddependi minn żmien, post u funzjoni) u l-perspettiva l-oħra li rat fix-xogħol letterarju xewqa umana għal sens ta' komunità fejn l-aktar importanti huma l-valuri, bdew jitrawmu lejn il-bidu tas-seklu dsatax.

Taine jara fir-rumanz (ġeneru letterarju dominanti fis-soċjetà industrijali) rifless tas-soċjetà u jiddeskrivih bħala "a portable mirror which can be conveyed everywhere and which is most convenient for reflecting all aspects of life and nature".[7] Skond Taine, tliet kunċetti determinanti huma razza ("race"), żmien ("moment") u ambjent ("milieu"). Jekk wieħed janalizza sew dawn il-kunċetti minn test letterarju kważi jkun jista' jbassar l-orjentament u l-karatteristiċi futuri tal-qagħda umana. Aktar 'il quddiem Taine wasal għal spjegazzjoni aktar psikoloġika: "the psychological state is the cause of the social state".

Meta ż-żewġ Ġermaniżi Karl Marx (1818-1883) u Fredrick Engels (1820-1895) xandru t-teoriji rivoluzzjonarji fil-*Manifest Komunista* fissru l-iżvilupp soċjali billi rabtu t-taqlib soċjali mal-konflitti bejn il-klassijiet soċjali. Waqt li għal Taine l-letteratura kienet aktar espressjoni ta' ambjent u eredità, Marx u Engels kienu aktar konċernati minn fatturi ekonomiċi u għalihom il-punt ta' riferiment f'rumanz għandu jkun is-sitwazzjoni u l-azzjoni maħluqa fir-rumanz stess. Għal Engels, rumanzier realista jrid joħloq karattri u qagħdiet rappreżentattivi; ir-realiżmu mhux biss jirriproduċi dettalji fattwali iżda jrid jerġa' joħloq karattri u ċirkustanzi tipiċi.[8]

George Plekhanov (1857-1918) laqqa' mezzi analistiċi ta' natura empirika ma' oħrajn ta' natura estetika. F'dan is-sens l-idea ta' rifless soċjali kif ukoll il-kunċett Engeljan ta' "rappreżentazzjoni tipika" jiltaqgħu flimkien: "Art begins when the human being recalls within himself feelings and ideas that he has had under the influence of the reality surrounding him and gives them a figurative empression."[9]

Plekhanov jirreferi wkoll għall-ħila li l-bniedem hu mwieled biha: is-sens ta' valutazzjoni estetika; il-ħila li jagħżel is-sabiħ mill-ikreh. Plekhanov jirrikonċilja l-arti bħala rifless ta' qagħdiet soċjali flimkien ma' l-istint estetiku ta' l-awtur u jaċċetta dik li hu jsejjaħ "art for art's sake". Georg Lukács ukoll jilqa' dan l-argument ta' Marx, Engels u Plekhanov li l-arti tirrifletti s-soċjetà billi ttella' fil-wiċċ dawk l-ansjetajiet li jinħolqu minn kunflitt soċjali.

Mill-kritika soċjoloġika tat-test letterarju ħarġet l-analiżi strutturali. F'xogħol letterarju nsibu struttura u mikro-struttura. Dawn jistgħu jiġu mqabbla mal-klassi soċjali li ħiereġ minnha l-awtur.

B'riferenza għal dawn l-iskejjel u esponenti ta' studju soċjoloġiku se nfittxu li naraw kif test letterarju jista' jirrifletti kuxjenza kollettiva mrawma minn żviluppi importanti fil-qagħda umana. B'rifless ta' qagħda soċjali nifhmu rifless ta' ansjetà li l-awtur beda jħoss quddiem taqlib enormi fil-ħajja. Il-Moviment Modernista xellef il-viżjoni tal-bniedem dwar il-qagħda umana b'mod speċjali wara l-aħħar Gwerra Dinjija. Se naraw x'elementi jeżistu fil-qasam tal-letteratura narrattiva tat-tieni nofs tas-seklu għoxrin u kif l-awtur irreaġixxa għall-valuri u normi ġodda li bdew jieħdu post oħrajn.

## Ir-Rumanz Malti Modern

## i. Mir-Realtà Soċjali għad-Diżintegrazzjoni

Fir-rumanzi marbutin mal-ġrajja nazzjonali nsibu li l-kittieba riedu jolqtu d-dinja barranija aktar milli lill-kuxjenza tal-karattri maħluqa. L-għadd tal-karattri f'dawn ir-rumanzi storiċi kien kbir u l-ambjent wiesa'; karattri li aktar kienu mehdijin bix-xogħol milli bil-ħsibijiet. Kienu karattri nazzjonali u mhux kożmopolitani: qabel ma kienu bnedmin kienu ċittadini.

Wara t-tiftixa għal identità nazzjonali minn awturi bħal A. M. Caruana, S. Frendo de Mannarino, Ġ. Muscat-Azzopardi, Ġ. Aquilina, Ġ. Galea u A. Levanzin, ir-rumanzier Malti għadda għall-osservazzjoni tar-realtà soċjali. Imqar fir-rumanzi romantiċi nsibu ħjiel ta' kuxjenza soċjali u dan deher fil-kunflitt bejn klassi dominanti barranija u klassi solidali li kienet qed tibni għaqda nazzjonali.

Awturi bħal Ġwann Mamo żviluppaw lingwaġġ realistà bil-fatti mill-ħajja kwotidjana b'impenn soċjali li jissarraf f'xewqa sabiex "l-injurant jintebaħ bl-iżbalji tiegħu, jinforza lilu nnifsu u jitqanżaħ jiddritta qabel ma jidher quddiem in-nies barranin."[10] F'*Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka* t-tbatija soċjali marbuta ma' l-injuranza u l-faqar hi dokumentata bir-reqqa kollha f'kwadri reali mill-ħajja Maltija waqt li Mamo jwaqqa' għaċ-ċajt dak li hu suppost serju.

*Leli ta' Ħaż-Żgħir* ta' Ġużè Ellul Mercer ukoll jaqa' taħt il-kategorija ta' "rifless ta' qagħda soċjali". Għalkemm ir-rumanz jieħu bixra psikoloġika[11] huwa b'danakollu xogħol soċjali għax joħloq viżjoni ta' kunflitt fuq valuri: il-protagonista ewlieni hu anti-soċjali u jirrappreżenta qagħda umana mwarrba u emarġinata mill-bqija mgħakksa fil-faqar u l-injuranza. Mir-realtà barranija ta' Ħaż-Żgħir toħroġ ir-realtà ġewwiena ta' Leli, imqallba u mħawda. Minbarra l-kunflitt bejn il-ħaddiem u l-isfruttament ta' min iħaddem hemm ukoll il-kunflitt mal-valuri, esponut fil-kunflitt spiritwali flimkien mal-preġudizzju kontra t-tagħlim.

Fir-rumanz timxi t-tiftixa għall-għarfien imqabbla mal-parabbola Platonika ta' l-għar. Dan l-iżolament soċjali ta' Leli mill-bqija li ma taħsibx jissarraf f'ribell intellettwali u jispiċċa magħdud bħala miġnun. Din it-tema terġa' titla' fil-wiċċ aktar tard fil-karattru ta' Xandru l-"poetastru" f'*Samuraj* ta' Frans Sammut.

Dan it-taqlib u t-tweghir fil-qagħda umana msarraf fi djalogu intern kien diġà preżenti fil-letteratura internazzjonali fir-rumanzi moderni ta' Henry James, Marcel Proust, James Joyce u Thomas Mann. Il-bniedem il-ġdid hu l-abbandunat, il-barrani u l-anti-eroj. Fil-poeżija, Baudelaire, Breton, Olson, Mallarmé, T. S. Eliot u Dylan Thomas fost oħrajn taw il-kontribut tagħhom għall-Moderniżmu u influwenzaw il-kittieba Maltin b'mod partikulari fis-Sittinijiet.

Inqala' diżgwid fuq l-estetika, l-assolut, il-valuri, il-morali u n-normi bejn it-tradizzjonalisti u dawk li ġew warajhom. Kollox beda jiġi sfidat għax kollox intwera li kien relattiv. L-isfida ta' l-artist modern kienet li jgiddeb il-viżjoni tradizzjonalista wara valutazzjoni reqqa u tiftix għal għarfien ġdid.

## ii. L-Influwenza tal-Letteratura Ewropea

Il-letteratura moderna Maltija żviluppat fil-limiti tagħha xi ftit tard u r-rumanzier kontemporanju Malti influwenza ruħu mill-kittieba kbar ta' dan is-seklu.

Ir-rumanziera moderni ma baqgħux jiddeskrivu r-realtà f-termini sempliċisti fuq mudelli fissi partikularment wara ċ-ċaħda li ż-żmien għandu xi direzzjoni. Il-kitba l-ġdida ħadet bixra frammentarja fejn il-loġika mhix lineari. Il-moviment ta' l-azzjoni mar-ritmu tal-ħin intemm f'awturi bħal Marcel Proust li f'*A la Recherche du Temps Perdu* sawwar il-passat mill-ġdid f'mument qasir ta' riflessjoni. L-epika moderna ta' James Joyce f'*Ulysses* timxi matul jum wieħed (16 ta' Ġunju, 1904) fil-ħajja ta' Dublin.

Id-"dictum" Freudjan li l-inkonxju huwa l-vera realtà psikika wassal lill-kittieba moderni biex jesperimentaw u jiżviluppaw stil li bih jidħlu f'għalqa ġdida: il-

vjaġġ ġewwa l-inkonxju, jew aħjar in-"nixxiegħa ta' kuxjenza". Kemm Joyce kif ukoll Virginia Woolf, partikularment f'*The Waves*, wasslu l-movimenti u r-ritmi ta' moħħhom permezz tal-kliem b'dan l-istil.

Il-vjaġġ ġewwieni kien ifisser li issa l-awtur ried jirreġistra u jirrappreżenta l-ħajja kollha b'mod artistiku, imqar inċidenti żgħar, insinjifikanti sabiex joħloq ruħ umana sħiħa fil-qarrej.

Il-karattri tar-rumanzi moderni huma maqtugħa għalihom minn dawk tradizzjonali. Il-kriżi morali mħabbra u mwettqa mill-ħassieba l-kbar tas-seklu dsatax ipproġettat ruħha f'karattri li jitbandlu moralment, instabbli u inċerti, rifless tal-qagħda ġewwiena ta' l-awtur innifsu. Id-distinzjoni bejn tajjeb u ħażin, ferħ u niket, normalu u anormali, sabiħ u ikrah, verità u gidba ċċajpret fir-rumanzi li bdew jinkitbu minn tmiem is-seklu dsatax 'il quddiem.

Iż-żewġ gwerer mondjali tefgħu lill-kittieb fl-eqqel tal-kriżi morali: il-ħdura razzjali u l-ġlied imdemmi wassal għall-qerda bla sens ta' miljuni ta' nies innoċenti. Dan kollu wassal biex il-kultura li wiret il-kittieb tal-bidu tas-seklu għoxrin kellha viżjoni traġika għall-aħħar. Il-valuri kattoliċi ġarrbu kriżi f'kittieba bħal D. H. Lawrence u suġġetti meqjusa bħala tabù bħas-sess bdew jingħataw aktar importanza u attenzjoni f'kotba bħal *Women in Love* u *The Rainbow.*

Il-prova tat-traġedja ta' l-eżistenza umana ma kienx l-għan aħħari ta' l-awtur imma biex joħloq xewqa li twassal għall-ħelsien ta' l-umanità. B'hekk l-iskop ta' Nietzsche jkun milħuq. Kemm Joseph Conrad kif ukoll Albert Camus jikkonkludu fir-rumanzi tagħhom li l-valuri li jagħtu sens fil-ħajja huma s-solidarjetà umana u l-kuraġġ li tikkumbatti l-problema maħluqa min-Natura li m'għandha l-ebda rispett lejn l-ispirtu ta' l-imħabba jew il-ħajja. Imma l-valuri jilmħuhom f'mumenti koroh tal-ħajja: Conrad waqt vjaġġ fuq il-baħar f'*Lord Jim*, fejn il-baħrin kontinwament riedu juru solidarjetà bejniethom biex ma jinbelgħux mill-baħar; u Camus f'*La Peste* fejn il-poplu jkollu jingħaqad biex jegħleb il-pesta.

Minkejja l-pessimiżmu tiegħu, Franz Kafka fittex li jittraxxendi l-ħajja bla ma jaħrab mill-problema. Ir-rumanzi tiegħu huma mimlija kurituri u labirinti; kmamar u bibien li ma jinfdu għal imkien u tabelli li d-direzzjoni tagħhom ma twassal għal imkien. Kafka kien jemmen f'realtà traxxendentali li l-bniedem ma jistax jasal għaliha. Ħajjet il-bniedem hi kkaratterizzata mill-assurdità tax-Xejn Schopenhauerjan u għalhekk ma nsiru nafu xejn dwar il-valuri morali li jġiegħel lill-perit f'*The Castle* jibqa' jfittex li jingħata r-raġuni l-għala kien intbagħat f'dak ir-raħal ostili.

Fl-analiżi tat-testi Maltin tidher ċara r-rabta bejn ir-rumanziera barranin u l-

Maltin, l-aktar meta tixref it-tema tal-"barrani". Il-karatteristiċi tal-"barrani" Ewropew jidhru fil-"barrani" jew l-anti-eroj Malti. Huwa protagonista maqtugħ għalih minn ta' madwaru għax jaħseb u janalizza. Ta' madwaru huma folla aljenata li ma taħsibx.

L-esperjenza tinbidel f'ansjetà kontinwa u twasslu biex jinqata' mill-bqija għax kulturalment isseħħ dikotomija. Kull konfront mal-folla jissarraf f'turment persunali għax l-oħrajn ma jittollerawx differenzi jew nuqqas ta' qbil. Bħal Zarathustra, il-protagonista jinqata' 'l bogħod mill-bqija biex ikun jista' jagħmel rivalutazzjoni tal-valuri u jsawwar mill-ġdid valuri ġodda.

Ix-xebh bejn l-ambjent Malti, ikkaratterizzat minn Stat u Knisja organizzati bejniethom b'mod li kull individwu hu sorveljat li jkun miexi skond ir-regoli fissi imposti minnhom, u dak maħluq fir-rumanzi ta' Kafka, speċjalment *The Trial* jidher ċar ħafna.

## iii. Is-Soċjetà Maltija – l-ambjent li jifred

Ir-rumanzi magħżula għal dan l-istudju jkopru bejniethom dawn l-aħħar ħamsa u għoxrin sena. Għalkemm *Il-Gaġġa* (1971) ta' Frans Sammut ġie mitbugħ fil-bidu tas-snin sebgħin, ir-rumanz janalizza l-perjodu tas-snin sittin, milqut l-aktar mill-ġlieda politiko-reliġjuża u l-kisba ta' l-indipendenza. Rumanz b'tema simili hu *Rivoluzzjoni do minore* (1980) ta' Lino Spiteri. Fost ir-rumanzi miktuba reċentament insibu *Fil-Parlament Ma Jikbrux Fjuri* (1986) ta' Oliver Friggieri, u li aktar tard isseddaq bin-novelli *Fil-gżira Taparsi Jikbru l-Fjuri* (1991), it-tnejn ambjentati fi żminijietna, is-snin ta' wara l-indipendenza uffiċjali u l-ħelsien minn kull forza barranija tal-gżejjer Maltin.

Kontra dak li fissru r-rumanziera tradizzjonali, l-awtur kontemporanju wera xettiċiżmu qawwi fuq il-"progress" li sar f'dawn is-snin u ħada qatta bla ħabel kontra l-kultura tal-massa li għalih hi kemm dekadenti kif ukoll distruttiva minħabba li ma tħallix lil min imur kontra n-normi tagħha. Jekk il-pajjiż kien ħieles politikament, il-ħelsien spiritwali kien għadu ma jinħassx. L-istrutturi soċjali, reliġjużi, politiċi u familjari kienu mibnija fuq valuri foloz u "l-imwarrab" kellu jgiddibhom u jċaħħadhom billi jiġġudikahom skond il-valuri morali ġodda tiegħu.

Ir-rappreżentanti ewlenin tas-soċjetà Maltija kif reġistrati fir-rumanzi magħżula huma kważi dejjem il-Kappillan (jew qassis) u l-Politikant u f'xi każi l-Pulizija bħala l-forza jew iż-żamma ta' l-ordni. F'*Il-Gaġġa* l-Kappillan tar-raħal huwa l-aktar figura importanti fost ir-raħħala u quddiemhom kien bniedem-Alla ieħor: "Dan Dun Sidor kien wieħed minn dawk in-nies li taħsibhom ilhom jgħixu r-raħal minn dejjem ta' dejjem. U li meta jmutu (jekk xi darba jistgħu jmutu) tingħalaq epoka fil-ħajja tad-

dinja."[12] Jgħinu l-Kappillan insibu lil Ġomu l-pulizija u l-avukat Ġanpawl Xuereb. Dawn qaqoċċa bejniethom u fir-rumanz imsemmi dan joħroġ biċ-ċar meta fit-tilwima li nqalgħet minn Ġorġ ta' Faqqusu u Gawdenz il-Buqrajq waqt il-konkors teatrali mniedi mill-Kappillan, il-pulizija jintervjeni minnufih biex iżomm kontroll tas-sitwazzjoni. Ġomu l-pulizija kien imdejjen mal-Kappillan għax ". . . kien jieħu paċenzja bih u jgħallmu xi ħaġa ta' l-iskola biex forsi xi darba jilħaq surġent".[13] L-intervent ta' l-avukat jixhed il-korruzzjoni ta' bejniethom meta minkejja li "għadhom lanqas jafu jimxu fuq il-palk...."[14] il-premju jagħtuh kif jaqbel lilhom.

Minkejja l-ġlieda politiko-reliġjuża li tinħass matul ir-rumanz, il-preżenza tal-politikant ma tantx tinħass. L-awtur aktarx jagħmel dan biex ifisser kemm il-vuċi tal-politikant hi maħnuqa mill-kleru dominanti u/jew biex ifisser li fir-raħal ma tantx kienet tinħass il-firda li ġabet magħha l-ġlieda bejn l-Istat u l-Knisja: "Iżda l-maltempata kienet għadha fil-bogħod. In-Naħa t'Isfel. Lejn in-naħiet tagħna kienet tinstema' biss xi ragħda fil-qrib. U iżjed xejn."[15]

Dan il-mudell hu kważi ripetut mill-istess awtur f'*Samuraj* (1975): il-politika hi mħollija barra għal kollox mill-qafas tar-raħal. Il-kappillan għadu idolizzat bħal qabel. Is-Sa Rożann "... tassew kienet taħsbu Alla"[16] Il-mudell preċedenti hu varjat bid-dħul tat-tabib Hili u l-Konti Pawlinu Pessina-Triganza. Aktarx li d-dħul tat-tabib jista' jissarraf mill-fatt li x-xettiċiżmu kontra dak kollu li kien xjentifiku (u allura kontra r-reliġjon għax isarraf il-misteri f'raġunijiet spjegabbli) kien naqas fil-perjodu bejn *Il-Gaġġa* u *Samuraj*. It-tabib jikkolabora mal-kappillan "negozjant"[17] kif kien isejjaħ missier Samwel lill-qassisin kollha u minkejja li "mhux moralista"[18] bi kliemu u għemilu jwassal għall-firda bejn Samwel u Żabbett lejn l-aħħar tal-ġrajja. Surġent bl-isem ta' Manuel Cutajar jingħata importanza darba biss fl-istess silta msemmija, filwaqt li l-Konti minkejja li maqtugħ mir-raħal ġeografikament (għax jgħix fil-Belt) u soċjalment (għax superjuri quddiem ir-raħħala) xorta waħda għandu influwenza qawwija fuq il-ħajja fir-raħal, kif joħroġ mit-taħdita "poker"[19] li ssir f'kapitlu XII bejn il-kappillan Dun Vinċenz Abela Tanti u l-membri tal-kumitat "tas-Serduk" kif kien magħruf il-każin li jorganizza l-festa ta' San Pankrazju.

Il-mikrokożmu f'*Samuraj* hu mmexxi fuq dawn l-elementi u għal kull problema li tinqala' tinstab soluzzjoni bejniethom: kemm il-possibiltà tat-tielet każin li se jżid il-firda bejn in-nies u kemm ir-relazzjoni "żbaljata" (għax mhux bil-barka tal-Knisja) bejn Samwel u Żabbett isibu tmiemhom bl-indħil ta' dawn l-elementi. L-importanti hu li "kollox kien miexi ħarir fil-għalqa tal-Mulej".[20]

F'*Il-Gidba* (1977) ta' Oliver Friggieri l-influwenza tal-kappillan tar-raħal għadha tinħass għalkemm mhux predominanti daqs qabel. L-influwenza klerikali tinfirex bejn il-kappillani ta' żewġt irħula imma t-tmiem tar-rabta li kien hemm bejn

il-kappillan u l-pulizija (persuna fidila lejn l-Istat) jindika li l-Istat ma jridx lill-Knisja tindaħal fl-għalqa tiegħu. Anzi kollox jindika li l-Istat qed ifassal makkinarju li bih ikun jista' jieħu l-poter f'idejh. L-atteġġjament tal-pulizija b'ħarsa li "tistieden l-għawġ" u "b'vuċi impersunali"[22] tikxef id-distanza li hemm bejn l-interrogat (f'dan il-każ, Anna) u min qed jinterroga (is-surġent).

Din il-ħakma fuq iċ-ċittadin hi konfermata mill-istess awtur aktar tard bil-ktieb *Fil-Parlament Ma Jikbrux Fjuri.* Il-forza moħbija issa nfirxet ma' l-erbat irjieħ tal-gżira. Il-Knisja b'ħalqha magħluq, b'widnejha mitbuqa u għamja kif jidher ċar matul it-taħdita ta' bejn Karlu Manju u Dun Benjamin meta Karlu jissuġġerixxi lill-qassis biex jippriedka kontra "t-tribaliżmu"[23] u "r-razziżmu (li) m'għandux x'jaqsam mal-lewn tal-ġilda iżda mal-lewn tal-vot"[24] maħluq miż-żewġ partiti, wieħed fil-gvern u l-ieħor fl-oppożizzjoni.

F'din il-logħba jistgħu jieħdu sehem tnejn biss: "Nofshom jaħsbu li m'humiex merħla jekk il-partit li jippossedihom ikun fil-ħakma, u n-nofs l-ieħor jitħabat biex jaqlibhielhom u jieħu l-ħakma hu.[25] U hekk kif ifiġġ xi għadu komuni ż-żewġ partijiet jinsew ir-regoli u jingħaqdu ħaġa waħda biex ikissruh: "Qatt daqs din id-darba ma kien hawn din l-għaqda kollha fost il-membri tal-kamra. Din hi l-għaqda li neħtieġu. Qatt ma rajna din is-solidarjetà kollha bejnietna. Dan il-ksur ta' privileġġ għaqqadna! ... għaqqadna kontra kull min jeħodha ma' xi wieħed minna ..."[26]

Għalhekk minflok il-kappillan, il-pulizija, l-avukat, it-tabib jew il-Konti issa għandna l-Politikant, l-aktar rappreżentant għoli ta' l-istat għax hu fis-setgħa waqt li l-bqija tbaxxi rasha "għal kulma jagħmlu l-kbarat".[27] L-Onorevoli Rodomonte bil-"maskra li tiġih tajjeb, la maħlula żżejjed u lanqas issikkata, maskra tal-qies"[28] hu l-anti-krist il-ġdid li javvanza fejn irid hu billi jisfrutta s-sitwazzjoni fl-aħjar mod possibbli.

Il-karattri fir-rumanz Malti modern jitlaħħmu kważi dejjem fl-isfond tal-ħajja raħlija fejn "in-nies tal-parroċċa lkoll erwieħ tajba, ta' darhom, agħtihom il-ġabra u t-tkattir ta' l-ulied u xejn aktar".[29] – merħla fi ħsieb il-kappillan f'ambjent magħluq. Nies li għadhom mgħobbija b'superstizzjonijiet u jemmnu li f'għar għad hemm xitan maqful.[30] It-tema tal-biża' sopranaturali hi preżenti f'uħud mir-rumanzi mistħarrġa. F'*Dal-Lejl Ġie Alla* (1984) ta' Paul P. Borg, Alla Hu l-Għassies Etern, lest biex jikkastiga kull nuqqas u jħalli lill-fidili jistennew xi sinjal li qatt ma jasal. Kieli kien jittama mqar f'sinjal wieħed iżda din ix-xewqa qatt ma sseħħ.

Il-fidi titħallat mhux biss mas-superstizzjonijiet imma anki mal-politika. Is-salvazzjoni ta' l-erwieħ kienet bilfors bl-intervent tal-knisja u għal Żeża Dun Ċikk – ladarba hu qassis – kien l-unika setgħa u għajn ta' għerf li taf tagħżel it-tajjeb mill-

ħażin. F'*Rivoluzzjoni do minore* Lino Spiteri jistqarr li "Donnu fuq Malta kienet waqgħet saħta"[31] u minkejja li xi ħadd bħal Pawlu Calleja kien jikteb l-artikli fil-gazzetta tal-Moviment u jfisser li "Il-ħidma tal-qassis għandha tkun reliġjuża u pastorali, mhux politika. Meta qassis isir politikant, bilfors iħammeġ l-immaġini qaddisa tiegħu. Ma jistax jitkellem f'isem Kristu u fl-istess waqt ikun partiġġjan",[32] il-kwistjoni politiko-reliġjuża qasmet u firdet.

F'Sammut ir-raħal huwa l-ġaġġa u n-nies ta' ġo fih "fiċ-ċokon ta' moħħhom kienu hienja. Meta l-injuranza ġġib il-ħena, huwa ġenn li titħajjar għall-għerf".[33] "Ir-reazzjoni ta' Fredu Gambin . . . il-Malti ġdid li ma jistax jilqa' kollox skond il-kattoliċiżmu magħluq li jinħass fil-gżira wara tradizzjoni ta' sekli twal"[34] twasslu biex jikseb il-ħelsien tiegħu mill-qafas li qed jifgah fl-awto-eżilju li jimponi fuqu nnifsu. Hekk kif jersaq lejn ix-xejn (fl-epilogu, il-paragrafi huma numerati 'l isfel) quddiemu "hemm il-beraħ ta' wesgħat bla tmiem"[35] u għalhekk il-ġrajja tintemm daqskemm tibda.

F'*Samuraj* Sammut mexa "mill-fidwa ta' l-eżilju għall-fidwa tal-mewt"[36] u s-suwiċidju ta' Samwel hu għodda qaddisa mħabbar minn kmieni (fi tmiem kapitlu 21) u mmexxi u mwettaq ritwalment bil-"ħara-kiri" Ġappuniża. Il-lirika tax-xafra tinħass kontinwament matul il-ġrajja kollha: il-"qtugħ" ta' Samwel mill-bqija jindika "l-identità li Sammut qiegħed jeżamina b'taħlita ta' lirika u ironija . . . fid-dawl ta' ġlieda bejn erwieħ imsoffija li tilfu u kumpless ġenerali li baqa' qawwi fl-istasi marida tiegħu, varjazzjoni mnikkta fuq it-tema tat-taqbida bejn it-tajjeb (tellief) u l-ħażin (rebbieħ), il-wieħed u l-ħafna rispettivament".[37]

F'*Il-Gidba* ta' Friggieri l-ħarba mill-ħajja ta' l-għeluq isseħħ billi Natan imur jgħix ma' mara oħra, Rebekka. Ir-raħal jixgħel bl-aħbar ta' l-adulterju u l-awtorità ekklesjastika titlob li l-gidba (żwieġ imfarrak) għandha tibqa' tiġi mgħejxa. L-unika relazzjoni li tibqa' sħiħa f'dan ir-rumanz hija dik bejn Natan u Fefu l-kelb tiegħu.

Xi drabi il-bniedem ikun irid jinsa biex iderri u jfittex is-serħan imqar fl-estasi tal-ħolm erotiku bħal f' *Taħt il-Weraq tal-Palm* ta' Trevor Zahra. Imma l-oasi f'nofs id-deżert huwa temporanju u l-adulterju bejn Ineż u Robbie jsolvi l-problemi mumentarjament.

Kollox jindika li fir-raħal hemm falliment sħiħ fir-relazzjonijiet umani: il-bniedem hu diżilluż u mfarrak minħabba problemi psikoloġiċi, morali u politiċi. Ir-relazzjoni bejn Alla u l-bniedem, bejn il-maħbub u l-maħbuba, bejn il-politiku u ċ-ċittadin, bejn l-iben u l-omm, bejn il-qassis u l-lajk hi marida u toħloq frustrazzjoni f'min "jagħti aktar importanza lit-tbatija".[38] Huwa l-ambjent li jġiegħel lil min jgħid ma' kull għodwa l-istess kliem, "Uff xi dwejjaq".[39]

## L-iżolament ta' l-eremit – Ruħ differenti mill-bqija

Bħal kull anti-eroj ieħor tal-letteratura moderna Ewropea, il-barrani Malti jgħaddi minn kunflitt ġewwieni. Wara li jintebaħ li l-persunalità tiegħu hi magħmula minn għadd ta' partijiet u mhux minn entità waħda, jintebaħ ukoll li ħafna drabi dawn il-partijiet ikunu opposti ta' xulxin. Fredu Gambin jistqarr li "l-'jien' huwa maqsum f'mitt elf biċċa. Bħall-weraq li jinqalgħu mill-friegħi . . . u jinkinsu mir-riħ li jgħollihom u jferrixhom 'l hawn u 'l hinn ".[40]

Dan il-kunflitt ġewwieni jitnissel primarjament għax l-individwu qatt m'hu ċert minnu nnifsu. Fredu, fost il-karattri prinċipali tar-rumanzi, hu l-aktar wieħed li jġarrab dan il-kunflitt għax mill-oħrajn kollha hu l-anqas matur, l-aktar instabbli. Jirrealizza fuq kollox li aktar kien kuntent jgħix l-illużjoni għalkemm issa jħossu superjuri għax jaf bil-problema: kuntent li rnexxielu jinqata' mill-massa u fl-istess nifs imdejjaq għax issa skopra l-verità.

L-istess ansjetà tinħass fil-karattri l-oħra li lkoll tagħmilhom indeċiżi f'kull azzjoni, kemm mentali kif ukoll fiżika. Il-letarġija li lil Samwel ma tħajru jagħmel xejn biex jilħaq ma' "mixjet il-jum"[41] mhix il-kawża ta' għażż jew telqa, imma tal-kunflitt li hemm ġewwa fih. Dan jinħass kemm mid-diskursata ta' bejn Samwel u Żabbett f'kap 20 kif ukoll f'kap. 24 meta jiġu fir-razzett għal Żabbett.

Natan ukoll ibati biex jieħu deċiżjoni, u jammetti li dan huwa l-qofol tal-problema tiegħu: "Trażżin fuqu nnifsu kellu kemm irid, u fil-moħba ta' qalbu kien jifhem li dik kienet is-saħta naturali tiegħu nnifsu: ma jasalx jieħu deċiżjoni, jgħid iva jew le, kif imiss."[42]

Natan ikollu jgħaddi minn turment qalil li jħossu jherrih minn ġewwa qabel ma jiddeċiedi li jitlaq lil martu wara li r-relazzjoni ta' bejniethom tkun spiċċat.

L-indeċiżjonijiet fil-karattru xxekkilhom fid-deċiżjonijiet importanti li jridu jieħdu f'ħajjithom. Sakemm jaqtagħha jekk isifirx jew le, Fredu jħossu "ċattra bla mqadef u bla qlugħ fuq baħar imqalleb. Fejn iġorrni l-baħar, immur b'idejja marbuta".[43] Karlu Manju jġarrab l-istess ħsus: "... inħoss ġo fija baħar sħiħ imqanqal li jħabbat daqqa 'l hemm u oħra 'l hawn, qisni dgħajsa f'ilma mċaqlaq."[44]

U jġarrab l-ansjetà tal-kunflitt ġewwieni bħal meta jiġi biex jagħżel x'attitudni għandu jieħu fil-konfront tiegħu mal-ministru, fejn jisma' ilħna opposti fih innifsu: "... ara ma tisfidahx iżżejjed; iddardarx l-għajn li trid tixrob minnha; ara ma tiċħadx kulma temmen fih; aħjar tbus l-id li tridha maqtugħa; tilgħaqx; tagħmilhiex ta' l-eroj; żommlu iebes; urih li taqbel miegħu; tiffirma xejn; baxxi rasek; tobdix; obdi; ħadd ma miet bil-ġuħ; tinsiex li trid tgħix ..."[45]

It-tiftixa għall-verità taqta' lill-protagonista għal kollox mid-dinja ta' l-oħrajn. Għalkemm hu wild ieħor ta' l-istess soċjetà l-valuri li jħaddan jagħmluh differenti mill-bqija u dan iwassal biex isir awtonomu minnha. Il-folla aljenata ta' madwaru hi marradija għax tgħix fuq valuri foloz u nieqsa mill-attività mentali. Hi merħla li ma taħsibx, timxi mal-kurrent u jinteressawha affarijiet trivjali.

Sikwit jiġri li l-folla preġudikata u anonima tikkundanna lil uħud mill-membri li jgħixu fi ħdanha għax ma jimxux fuq ir-regoli fissi tagħha. F'*Il-Gaġġa* Sciortino hu tabib ħażin ladarba jidher li ma jattendix quddies minkejja l-fatt li "l-viżta kien jagħmilha bir-reqqa . . ."[46] Roża tiġi kkundannata mill-ġenituri ta' Fredu għax fost akkużi li l-vittma m'għandhiex ħtija għalihom, tal-familja tagħha huma "għedewwa tal-Knisja".[47]

F'*Samuraj* omm Żabbett twissiha biex ma tħallix lil min "jinqeda biha"[48] u t-tfajla tispiċċa tirribella u titlaq minn dar ommha u missierha (Kap. 22) biex teħles miċ-ċanfir u t-tgħajjir kontinwu tagħhom. Fost dawn l-uħud hemm min ma jridx jilbes l-uniformi tal-massa u jrid iżomm l-individwalità tiegħu. Għal Natan f'*Il-Gidba* l-bnedmin ta' madwarhom kienu "nies li jgħixu bin-nies. Ilkoll xorta, kważi jixxiebhu anki f'wiċċhom u fil-mixja, l-irġiel bħall-irġiel u n-nisa bħan-nisa. Jilbsu l-istess, jitħaddtu l-istess ..."[49] u l-ambjent tagħhom kien "ma tbiddel qatt, u ħadd ma xtaqu jitbiddel".[50]

Matul dawn ir-rumanzi, Fredu Gambin kien għamel l-ewwel pass importanti fil-mixja lejn l-eremit nazzjonali: proċess ta' maturazzjoni li ssokta f'Samwel u Xandru l-poeta kif ukoll f'Natan u aktar tard fil-persuna ta' Karlu Manju.

Il-vjaġġ mibdi minn Fredu f'*Il-Gaġġa* jinħass li għadu frisk fil-memorja: "Narani kont qisni mistur f'fosdqa żgħira, li minnha nara – bla ma jarawni – lid-dinja barra minni, dak li jiġri fiha, dak li jseħħ matulek ja sena,"[51] u jbati l-konsegwenzi ta' l-inesperjenza tiegħu tant li xi drabi jikkontradixxi l-valuri li jgħożż. Imma l-verità taqtgħu għal kollox mid-dinja ta' l-oħrajn u l-indikazzjoni li hu jqatta' ħafna ħin jaħseb tikkonferma li miexi f'din it-triq lejn ħajja solitarja.

Samwel iseddaq lill-protagonista tar-rumanz ta' qablu għax minkejja li l-verità kienet "ix-xkiel tiegħu"[52] (simbolizzata bil-ħżieża ta' wara widintu x-xellugija) – hu kien qed jipprova jsolvi l-problema. Hu u jnaddaf ir-razzett, li jikkorrispondi ma' l-idea tal-"katarsi" klassika, jilmaħ sriebet twal ta' insetti u għanqbut u jiddikjara s-superjorità tiegħu:

> "... issa wasal iż-żmien tal-ħakma tiegħi. U tibżgħux, intom ta' hemm fuq, ħajjiena u setgħana, jasal iż-żmien li nitla' għalikom ukoll u nniżżilkom mill-għoli tagħkom.

Hawnhekk tiegħi u s-setgħa tagħkom m'hi xejn, ja intom ta' hemm fuq, tħarsu 'l isfel u tiddieħku biż-żgħar ta' hawn taħt u tidħku f'qalbkom bil-makakkerija tagħkom.

JIEN HAWN u la JIEN HAWN intom m'intom xejn. Saltnatkom irqiqa u dgħajfa daqs l-għanqbut li tinsġu."[53]

F'moħħ Samwel in-nies tar-raħal jalternaw mal-figurattiv ta' l-insett u jsiru "tjur" [54] jew "bhejjem bla ruħ"[55] jew "ilpup u sriep"[56] fi kliem il-poeta u l-ħsibijiet ta' Żabbett. Id-disprezz lejn in-nies tar-raħal jinħass sa mill-bidu nett tal-ġrajja: meta Samwel isewwi lill-majjali f'ritwal tad-demm – metafora oħra fejn iċ-ċerimonja ta' l-ikkastrar tevoka x-xewqa ta' xi ħadd imnebbaħ li qed iwaqqaf il-prokreazzjoni tal-ħnieżer. Samwel stess ma jridx li jġib xi tarbija fid-dinja biex tispiċċa mgħobbija bl-istess dnub ta' l-eżistenza (bħalu) jew f'ħalq il-"bhejjem" tar-raħal. Iżda Żabbett xtaqet tarbija u aktarx li dan wassal għall-aħħar firda tagħhom.[57]

L-eremit ifittex ir-refuġju fis-skiet tan-natura (fil-każ ta' Samwel) jew fl-arti (il-poeżija għal Xandru) jew fil-mużika klassika (għal Natan). L-għadab ta' ġo fihom jibqa' mistur (ħlief f'xi mumenti rari bħal fil-kunflitt bejn il-poeta u l-kappillan f'*Samuraj*). Il-kontestazzjoni hi privata, djarjistika, bil-konsegwenza li

"Il-bidla sseħħ biss fl-għeluq ta' l-ispirtu privat, waqt li l-aljenazzjoni marradija ta' l-ambjent tissokta bil-kalma ta' dejjem. Mill-konfront bejn il-moviment (ċentrali) u l-istasi (periferika), jiġifieri bejn il-kalma hienja tar-ruħ kollettiva u d-dagħdigħa mnikkta tar-ruħ privata toħroġ it-tema kollha tar-rumanz li... jitbiddel fi djarju intimu ta' ruħ imweġġgħa li tara fejn ħaddieħor ma jarax, jew tara ħafna fejn ħaddieħor jilmaħ ftit jew vagament. Dan in-nuqqas ta' qbil f'dak li jidher fl-għajnejn tal-wieħed u tal-ħafna hu l-qofol tal-problematika kollha ..."[58]

Il-protagonisti huma konxji li qed jgħixu f'gaġġa jew raħal magħluq (b'riferenza simbolika għal Malta, Sammut jikteb "Raħal" – isem anonimu b'ittra kbira – sostituzzjoni metaforika ta' l-isem veru).

Natan ukoll jaf li huwa aktar faċli li tgħix il-gidba "imfassla u determinata mit-triq, jew raħal tiegħi, jew in-nies kollha li jafuni"[59] milli r-realtà iebsa li jemmen fiha hu: "il-verità hi li jien fallejt fl-akbar deċiżjoni li għamilt f'ħajti kollha ..."[60] Minkejja dan jiddeċiedi li jagħżel li jgħix l-aktar ħajja diffiċli.

Iżda l-karattru rivoluzzjonarju li jrid bidla mill-qiegħ u jestendi l-manifest tiegħu lil hinn mill-ġewwieni tiegħu fid-dieher insibuh f'Karlu Manju. Iż-żerriegħa miżrugħa minn Fredu, Samwel u Natan twarrad meta fir-rumanz *Fil-Parlament Ma*

*Jikbrux Fjuri* bil-"ħeffa tal-kelma"[61] l-eremit jisfida l-ambjent tiranniku billi jikser il-liġijiet bi skop ta' kontestazzjoni diretta. L-ideat ċari li jħaddan jgħolluh 'il fuq mill-bqija (maqsumin fi tnejn) u d-deċiżjoni li jibgħat l-ittra lill-Parlamentari tikkonferma d-determinazzjoni straordinarja tiegħu li jxandar ma' l-erbat irjieħ dak kollu li jemmen fih.

Ir-rumanz aktarx li hu differenti mill-oħrajn għax matulu tinħass it-tama li l-folla xi darba għad tikkonverti għax "id-dawl tal-moħħ ma kienx rari li jittawwal fil-kuxjenza tagħhom".[62]


1. Fl-għoxrinijiet il-kittieb ġie f'kuntatt dirett mal-ħsieb psiko-analitiku dwar implikazzjonijiet ta' rabta bejn is-sesswalità u s-simboliżmu fil-kitba. Minkejja dan, kritiċi bħal Roger Fry, Clive Bell, u awturi bħal Samuel Beckett m'aċċettawx din it-teorija li tlaqqa' l-psiko-analitiku ma' l-esperjenza artistika. Ara Jack J. Spector, *The Aesthetics of Freud*, Praeger Publishers, Inc., New York, 1972, p.189.
2. John Hall, *The Sociology of Literature*, Longman Group Ltd., 1979, p.2.
3. R. Hoggart, "Literature and Society" minn *A Guide to the Social Sciences* ed. N. Mackenzie London, Weidenfield & Nicolson, 1966.
4. M. C. Albrecht, "The Relationship of Literature and Society" – *American Journal and Sociology* – Vol. 59, No. 5, March 1953.
5. L. Lowenthal, *Literature and the Image of Man*, Boston, Beacon Press, 1957 p. x.
6. G. Vico, *The New Science* (1744), New York, Cornell University Press, 1948.
7. H. Levin, *The Gates of Horn*, New York, Oxford University Press, 1963.
8. Marx u Engels, *Literature and Art*, New York, Internatonal Publishers, 1947, p.18; 41-6. Ara wkoll Engels, *Ludwig Feuerback and the End of Classical German Philosophy*, 1877.
9. Plekhanov, *Art and Social Life*, 1912, London, Lawrence & Wishart, 1953, p.20.
10. Ara Oliver Friggieri, *Ellul Mercer f'Leli ta' Ħaż-Żgħir – Mir-Realtà għall-Kuxjenza*, Pubblikazzjoni Dipartiment ta' l-Edukazzjoni, 1983, Interprint Ltd., p.14.
11. P. Serracino Inglott stqarr li "Dan huwa l-ewwel veru rumanz psikoloġiku bil-Malti..." f'*Il-Polz* fi studju bit-titlu "Ir-Rumanz Psikoloġiku u 'Il-Gaġġa' ", p. 15-18. Minnaħa l-oħra Oliver Friggieri jikkummenta li "*Leli ta' Ħaż-Żgħir* jista' jitqies bħala l-ewwel xogħol importanti fil-letteratura Maltija li jagħti passi deċiżi lejn in-narrativa psikoloġika". Ara *Leli ta' Ħaż-Żgħir*, "Il-Mixja ta' Ellul Mercer mir-Realtà għall-Kuxjenza", 1983, Associated News Ltd., p.ii.
12. Frans Sammut, *Il-Gaġġa*, A. C. Aquilina & Co., 1973, p. 60.
13. ibid., p.40.
14. ibid., p.41.
15. ibid., p.47.
16. Frans Sammut, *Samuraj*, Klabb Kotba Maltin, 1978, p.26.
17. ibid., p.148.
18. ibid., p.147.
19. ibid., p.62.
20. ibid., p.152.
21. Oliver Friggieri, *Il-Gidba*, Pubblikazzjoni P.E.G., 1984, p.54.
22. ibid., p.55.
23. Oliver Friggieri, *Fil-Parlament Ma Jikbrux Fjuri*, Pubblikazzjoni Bugelli, 1986, p.52.
24. ibid., p.52.
25. ibid., p.50.
26. ibid., p.191.
27. ibid., p.50.
28. ibid., p.113.
29. Oliver Friggieri, *Il-Gidba*, ed cit., p.128.
30. J. J. Camilleri, *Il-Għar tax-Xitan*, Klabb Kotba Maltin, 1982.
31. Lino Spiteri, *Rivoluzzjoni do minore*, Pubblikazzjoni Gulf, 1980, pp.90-91.
32. ibid., p.25.
33. Frans Sammut, *Il-Gaġġa*, ed. cit., p.105.
34. Oliver Friggieri, *Ir-Ruħ fil-Kelma*, Klabb Kotba Maltin, 1973, p.107.
35. Frans Sammut, *Il-Gaġġa*, ed. cit., 150.
36. Oliver Friggieri, *Saġġi Kritiċi*, A. C. Aquilina & Co., 1979, p.318.
37. ibid., p.328.

38. Frans Sammut, *Samuraj*, ed. cit., p.196.
39. Oliver Friggieri, *L-Istramb*, Pubblikazzjoni Gulf, 1980, pp.5, 111.
40. Frans Sammut, *Il-Gaġġa*, ed. cit., p.29. Il-kritiċi tal-letteratura moderna jiddeskrivu dan il-kunflitt ġewwieni bħala l-"Janus-faced". Nietzsche jgħid li, "The Janus face, at once Dionysiac and Appollonian, of the Aeschlyean Prometheus. Whatever exists is both just and unjust, and equally justified in both".
41. Frans Sammut, *Samuraj*, ed. cit., ara Kap.5.
42. Oliver Friggieri, *Il-Gidba*, ed. cit., p.18.
43. Frans Sammut, *Il-Gaġġa*, ed. cit., p.125.
44. Oliver Friggieri, *Fil-Parlament Ma Jikbrux Fjuri*, ed. cit., p.50.
45. ibid., p.122.
46. Frans Sammut, *Il-Gaġġa*, ed. cit., p.68.
47. ibid., p.55.
48. Frans Sammut, *Samuraj*, ed. cit., p.75.
49. Oliver Friggieri, *Il-Gidba*, ed. cit., p.113.
50. ibid., p.142.
51. Frans Sammut, *Il-Gaġġa*, ed. cit., p.29.
52. Frans Sammut, *Samuraj*, ed. cit., p.22.
53. ibid., p.91.
54. ibid., p.32.
55. ibid., p.130.
56. ibid., p.135.
57. ibid. Ara Kap.24, pp.145, 151.
58. Oliver Friggieri, *Saġġi Kritiċi*, ed. cit., p.314.
59. Oliver Friggieri, *Il-Gidba*, ed. cit., p.45.
60. ibid., p.119.
61. Oliver Friggieri, *Fil-Parlament Ma Jikbrux Fjuri*, ed. cit., p.57.
62. ibid., p.35.

BIBLJOGRAFIJA

ALBRECHT, M.C.,
"The Relationship of Literature and Society", *American Journal and Sociology*, Vol. 59, No.5, March 1953.

AZZOPARDI,
Mario, *Samuraj – Frans Sammut*, Klabb Kotba Maltin, 1980.

BONANNO, Stephen,
*Żviluppi Moderni fin-Narrattiva Maltija*, Teżi tal-B.Educ. (Hons), University of Malta, 1987.

BORG, Paul P.,
*Dal-Lejl Ġie Alla*, Pubblikazzjoni Bugelli.

CAMILLERI, J. J.,
*L-Għar tax-Xitan*, Klabb Kotba Maltin, 1982.

FRIGGIERI, Oliver,
*Ir-Ruħ fil-Kelma*, Klabb Kotba Maltin, 1973.
*Saġġi Kritiċi*, Klabb Kotba Maltin, 1979.
*Ellul Mercer f'Leli ta' Ħaż-Żgħir: Mir-Realtà għall-Kuxjenza*, Dipartiment ta' l-Edukazzjoni, 1983.
*L-Istramb*, Pubblikazzjoni Gulf, 1980.
*Il-Gidba*, Pubblikazzjoni P.E.G., 1984.
*Fil-Parlament Ma Jikbrux Fjuri*, Pubblikazzjoni Bugelli, 1986.
*Fil-gżira Taparsi jikbru l-fjuri*, Grima Printing & Publishing Industries, 1991.

HALL, John,
*The Sociology of Literature*, Longman Group Ltd., 1979.

HOGGART, R.,
"Literature and Society" minn *A Guide to the Social Sciences*, ed. N. Mackenzie London, Weidenfield & Nicolson, 1966.

LEVIN, H.,
*The Gates of Horn*, New York, Oxford University Press, 1963.

LOWENTHAL, L.,
*Literature and the Image of Man*, Boston, Beacon Press, 1963.

MARX & ENGELS,
*Literature and Art*, New York, International Publishers, 1947.

PLEKHANOV,
*Art and Social Life*, 1912, London, Lawrence & Wishart, 1953.

SAMMUT, Frans,
*Il-Gaġġa*, A. C. Aquilina & Co., 1973.
*Samuraj*, Klabb Kotba Maltin, 1978.

SAMMUT, Saviour,
*Il-Poeżija Maltija tas-Snin Sittin*, Teżi tal-B. Educ. (Hons), L-Università ta' Malta, 1989.

SPECTOR, Jack J.,
*The Aesthetics of Freud*, Praeger Publishers, Inc., New York, 1972.

SPITERI, Lino,
*Rivoluzzjoni do minore*, Pubblikazzjoni Gulf, 1980.

ZAHRA, Trevor,
*Taħt il-Weraq tal-Palm*, Klabb Kotba Maltin, 1974.